Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

Data tal-laqgħa: 27 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.17pm.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 2. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

3.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 3.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

3.3.1.1 <u>Para 2.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi risposta mingħand l-*electrician* dwar id-dawl propost mal-arbli tal-bnadar. Is-SE wieġbet fin-negattiv. Is-Sindku talab li niċċekkjaw mal-kuntrattur tal-*istreet lighting*. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa biex niċċekkjaw jekk hux possibbli li jsir dawl minn fuq li jixgħel b'*timer* mad-dawl tat-triq.

3.3.1.2 Il-Kunsillier AG infurmat li hemm bżonn ukoll li l-arbli jiġu miżbugħa.

3.3.2 <u>Para 2.3.2 – *Residential Parking Scheme*</u>
Peress li l-Kunsill baqa' mingħajr risposta mingħand l-AKL, is-Sindku ssuġġerixxa li niktbu direttament lis-CEO ta' Transport Malta. Il-Kunsill qabel.

3.3.3.1 <u>Para 2.3.3 – Problema ta' ġrieden</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew kwotazzjoni biex jiġu nstallati kaxxi suwed ta' kontra l-ġrieden f'diversi toroq. Is-Sindku infurma li r-Reġjun Tramuntana se jkun qed jipprovdi kaxxi lil-lokalitajiet, għalissa nilħqu ninstallaw fi Triq il-Kbira (il-parti t'isfel) biex nilħqu naraw jekk taħdimx din is-sistema.

3.3.3.2 Apparti l-kaxxi, is-Sindku qal li xi residenti semmew xi sapun li jintefa' fl-ispralli. Il-Kunsill qabel li nitfgħu fl-ispralli wara li jitnaddfu. Is-SE infurmat li l-ispralli se jitnaddfu l-ġimgħa d-dieħla.

3.3.3.3 Il-Viċi Sindku talab li jiġi rranġat l-isprall tal-pjazza li jaqsam għal fejn l-għassa għax qed iċekċek u maħlul.

3.3.4 <u>Para 2.4.2 - Xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc / WSC</u>
Is-Sindku infurma li wara diversi *reminders* b'numru ta' punti li bgħatna, jumejn ilu irċivejna risposta. Is-Sindku qal li se jkun qed iwieġeb minħabba li numru ta' perikli li semmejna, qalu li se jiġu indirizzati fl-aħħar. Apparti minn hekk, il-programm dettaljat tax-xogħol għadhom ma bagħtuhx. Apparti minn hekk, wara 3 ġimgħat li saret il-laqgħa, Enemalta plc u WSC għadhom ma tkellmux fuq kif / min se jagħmel ir-*re-surfacing*. Kien hemm qbil li niktbu direttament lill-Ministru dwar dawn in-nuqqasijiet / dewmin.

3.3.5 <u>Para 2.4.3.2 – Statwa ta' Santa Marija</u>
Is-SE infurmat li l-ħaddiema ma sabuhx is-suba' nieqas tal-istatwa. Il-Viċi Sindku qal li qiegħed fuq il-pedestall u ser jieħu ħsieb iġibu hu l-uffiċċju.

3.3.6 <u>Para 2.4.4.1 – *Broadcast Channel* fuq *Whatsapp*</u>
Is-Sindku infurma li l-*Broadcast Channel* fuq *Whatsapp* ġie ikkrejat u issa kull ma jonqos hu li jinħareġ il-*barcode* tiegħu biex inkunu nistgħu nirreklamawh mar-residenti.

## 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.4.1.1 <u>Ġbir ta' skart</u>
Is-Sindku infurma li fil-laqgħa tar-Reġjun ġie diskuss is-servizz tal-ġbir ta' skart. Is-Sindku qal li għalkemm hemm

fejn jiġi imtejjeb, fejn lokalitajiet oħra, is-servizz f'Ħal Balzan qed jingħata tajjeb. Fil-laqgħa tar-Reġjun ġie maqbul li tintbagħat ittra (mir-Reġjun) lill-kuntrattur, fejn se jiġu elenkati n-nuqqasijiet tal-lokalitajiet.

3.4.1.2 Dwar il-kuntratt tal-knis, is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmana waqt laqgħa li saret miegħu, li sa Settembru se jiġu installati l-*GPS trackers* mall-karretta tal-kenniesa.

3.4.2 ***Framework Agreement – Public Works***

Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-ftehim li ġie ffirmat mal-Public Works lejn l-aħħar tal-leġislatura li għaddiet. Is-Sindku ssuġġerixxa li napplikaw biex isir *patching* (*hot asphalt*) ta' parti minn Triq Santa Marija (qabel ma toħroġ għal Triq Robert Mifsud Bonnici) għax qed iżomm l-ilma. Il-Kunsill approva u s-SE se tinfurma lill-Perit biex jipprepara BOQ biex issir l-applikazzjoni mal-Public Works.

3.4.3.1 Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira

Is-Sindku infurma li fil-passat l-eks-Kunsillier Stephen Gatt kien iqajjem il-punt li qed jinġema l-ilma man-naħa ta' St George's Store. Is-SE infurmat li l-Perit kien infurma li l-aħjar jittieħed *survey* ta' dik il-parti tat-triq. Il-Kunsill qabel li nġibu kwotazzjoni biex isir is-*survey*.

3.4.3.2 Il-Viċi Sindku qal li fit-*traffic island* kien hemm *bollard* tal-plastik tixgħel, li kienet tkissret wara inċident. Qal li perikoluża għax ma tidhirx. Se jiġi ċċekkjat tistax tiġi rranġata l-*bollard* / miżbugħa is-*central strip*.

3.4.4.1 Reklamar diġitali

Is-Sindku infurma li kumpanija li tbiegħ servizzi ta' reklamar avviċinatu bi proposta biex jiġi nstallat *digital information kiosk.* Din tkun miftuħa għal kull min jixtieq jirreklama fuqha u mhux għall-Kunsill biss. Din il-proposta ma ġietx approvata. Is-Sindku qal li r-Reġjun kien semma li probabbilment l'quddiem se jkun qed jipprovdi waħda f'kull raħal.

3.4.4.2 Is-SE ressqet ukoll kwotazzjoni biex jinxtara bord elettroniku. Is-SE spjegat li il-Kunsill irid joħroġ sejħa pubblika għall-offerti.

3.4.4.3 Il-Viċi Sindku semma l-opzjoni li ssir *noticeboard* elettronika (*monitor* ġo kabinett protett mill-elementi). Kien hemm qbil li tiġi esplorata din l-opzjoni.

3.4.5 *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza

Is-Sindku ssuġġerixxa li nitolbu lill-GO plc biex it-*telephone box* tibda tiġi amministrata mill-Kunsill għax preżentament hija mingħajr użu għax qas telefown ma fiha. Din tista' tinbidel fi *plant house* / librerija miftuħa. Il-Kunsill qabel.

3.4.6 Linji fi Triq San Franġisk

Il-Kunsillier ONDG infurma li tal-131 (ftit l'isfel mill-Ambaxxata Libjana) qed ikollhom problema biex jikkwartjaw huma u ħirġin / deħlin fid-*drive* u għalhekk qed jitolbu li jitneħħa / jimxi l-*parking* bay tal-faċċata. Se ssir spezzjoni.

## 3.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

3.6.1 Rapport Finanzjarju għal-ewwel kwart minn Jannar sa Ġunju 2024

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

3.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 3.7 Petizzjoni – Triq il-Kbira

3.7.1 Ġiet innutata petizzjoni iffirmata minn numru ta' residenti dwar numru ta' punti fuq Triq il-Kbira. Is -Sindku qal li fid-9 ta' Awwissu 2024, il-Kunsill iltaqa' mar-residenti, fejn ħarġu numru ta' punti. Is-Sindku spjega li baqa'

f'kuntatt  ma' wieħed mir-residenti.

3.7.2 Is-Sindku qal li fil-laqgħa ssemmew numru ta' punti fosthom:

- Il-problema tal-ġrieden u ħamiem – Il-problema tal-ġrieden ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa. Il-problema tal-ħamiem, is-Sindku qal lir-Reġjun Tramuntana se jkunu qed joħorġu xi kwotazzjonijiet għal miżuri ta' kontroll. Se niċċekkjaw mar-Reġjun dwar meta se jkollna xi tip ta' miżura fis-seħħ;
- Il-problema ta' *flooding* u *drainage overflow* – IM se tkun qed timplimenta *flood relief system* max-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq. Is-Sindku qal li s'issa għad m'għandna l-ebda dettal ta' meta se jsir ix-xogħol, pjanti tat-triq u min se jkun il-Perit responsabbli. Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din it-triq, nappuntaw lill-Perit tal-Kunsill biex jissorvelja x-xogħlijiet f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill approva. Is-Sindku qal ukoll li talab lis-CEO ta' IM biex iżomm lill-Kunsill aġġornat fuq dawn ix-xogħlijiet u tlabna li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti;
- Il-bankina l-ġdida li saret fi Triq San Franġisk;
- Residential Parking;
- Applikazzjoni ta' żvilupp, fejn il-Kunsill diġà issottometta l-oġġezzjoni tiegħu;
- Knis – Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibgħatu ittra lill-kuntrattur fejn jiġu elenkati n-nuqqasijiet kollha li għadhom ma ġewx indirizzati.

3.7.3 Il-Kunsillier AG qalet li bagħtet diversi drabi lill-Clean Malta biex isir ħasil ta' toroq, kif isir f'lokalitajiet oħra u baqgħet mingħajr risposta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibgħatu email lis-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield.

3.7.4 Il-Kunsillier AG infurmat ukoll dwar in-nuqqas ta' tisqija, fejn kien hemm qbil li tinħareġ *Default Notice*, jekk il-kuntrattur mhux se jieħu azzjoni. Fuq tisqija tal-bandli, kien hemm qbil li nġibu kwotazzjoni għal sistema ġdida ta' irrigazzjoni.

## 3.8 Skemi Finanzjarji

3.8.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 3.9 Jum Ħal Balzan 2024

3.9.1 <u>Programm għal Jum Ħal Balzan</u>

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar dak li qed jiġi ppjanat għal Jum Ħal Balzan, wara li ltaqa' s-Sotto-Kumitat, fejn qed jiġi propost liċ-ċelebrazzjoni ssir fuq jumejn (is-Sibt 26/10/2024 filgħaxija u l-Ħadd 27/10/2024 filgħodu).

3.9.2.1 Qed jiġi propost li s-Sibt isir programm vivaċi minn waħda miż-żewġ għaqdiet tal-banda (tittella' bil-polza) u diskorsi, fil-pjazza u jkun hemm *stands* bl-ikel. U l-Ħadd issir il-Quddies ta' Ringrazzjament, marċ qasir (mill-Knisja sa quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill) mill-banda l-oħra, u l-Għotja ta' Ġieħ Ħal Balzan.

3.9.2.2 Il-Kunsilliera AG u MLB ma qablux mal-programm propost, għax fl-opinjoni tagħhom se jkun qisu kunċert tal-festa tar-raħal. Huma ssuġġerew li bħas-sena preċedenti, ikun hemm ukoll kantant u mhux banda biss.

3.9.3 Dwar dan kien hemm diskussjoni, fejn kien hemm qbil li fis-serata tas-Sibt, apparti waħda mill-Baned, ikun hemm kantant. Kien hemm qbil li f'każ ta' maltemp, l-attività ssir fis-Sala Aurora.

**F'dan il-ħin (6.50pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-7.10pm.**

3.9.4 <u>Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2024</u>

Ġew innutati n-nominazzjonijiet kollha li ġew sottomessi għal din is-sena. Fuq proposta tas-Sindku, li kien issekondat mill-Viċi Sindku, il-Kunsill unanimament approva Ġieħ Ħal Balzan jingħata lill-:

<u>Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali</u>
Cecilia Abela u Alan Deguara

<u>Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali</u>
Imħallef Emeritu Michael Mallia

<u>Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali</u>

Prof. John Anthony Berry Wellman

Ġieħ Ħal Balzan bħala eks-Kunsillier
Andrè Grech

Kien hemm qbil ukoll li jingħata wkoll rikonoxximent lill-eks-Kunsillier Stephen Gatt, Luigi Grech u George Mifsud.

## 3.10 Attivitajiet u Tiżjin għal żmien il-Milied

3.10.1 Is-Sindku talab li sal-laqgħa li jmiss inġibu kwotazzjonijet għat-tiżjin tat-toroq (bħas-sena l-oħra) bid-dwal tal-Milied.

3.10.2 Dwar attività, is-Sotto-Kumitat se jiltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex jibdew il-preparamenti.

## 3.11 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

3.11.1 Triq Idmejda
Dwar il-problema ta' riskju ta' *flooding* fil-bidu tat-triq (fejn Lombard Bank), il-Perit Joseph Galea (IM) ikkonferma li se tiġi indirizzata max-xogħlijiet ta' Triq il-Kbira.

3.11.2.1 Triq San Franġisk
Ġiet innutata r-risposta mill-Perit ta' IM dwar il-mod kif saru l-bankini tal-parti ta' bejn l-ispiżerija u Triq it-Tabib J. Zammit, fejn qal li IM għamlet l-aħjar li setgħet fiċ-ċirkostanzi, fejn kien hemm numru ta' rampi illegali. Il-Perit qal li l-għażla tal-Kunsill hi li, biex isir dak li qed jitlob il-Perit tal-Kunsill, irridu nordnaw lir-residenti biex jirranġaw ir-rampi għas-spejjeż tagħhom.

3.11.2.2 Kien hemm qbil li nikkonsultaw mal-Perit u l-Avukat tal-Kunsill biex flimkien tiġi ppreparata risposta biex tintbagħat lill-IM.

3.11.2.3 Is-Sindku talab li hemm bżonn li tittawwal il-linja tal-i*Stop* li hemm f'k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima għax waslu sa nofs it-triq. Se ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

3.11.3.1 Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla
Is-Sindku infurma li hemm kwistjoni għaddejja dwar il-proġett. Is-SE infurmat li meta l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel dan il-proġett, il-Kunsill kien ikkonsulta mar-residenti taż-żona, fejn ressqu numru ta' suġġerimenti, li ħafna minnhom ġew implimentati u l-pjanta tal-proġett ġie aġġornata biex issir l-applikazzjoni għal permess ma' PA. Il-permess ta' PA ħareġ b'kundizzjoni li jiżdied is-*soft landscaping* fil-proġett. U għalhekk, kellu jerġa' jiġi inkluż il-*landscaping* li resident mill-ġdid qiegħed joġġezzjona għalih.

3.11.3.2 Is-Sindku qal li jifhem li dan ir-resident għandu *issues* dwar dan il-proġett. Il-Perit tal-Kunsill għadu m'indikax li l-proġett huwa lest, fil-fatt din il-ġimgħa stess bagħat *email* lill-Perit ta' IM u talbu jagħmel aktar tibdil.

## 3.12 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

3.12.1 Gabriel Caruana
Fuq il-*mural* li ġie ssuġġerit li jsir fid-daħla ta' fejn hemm il-*bike racks,* is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta mingħand il-Perit.

3.12.2 Mons. Dun Ġwann Dimech
Dwar il-bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech propost li jsir fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal, Enemalta plc, infurmaw li mhux possibbli li mmexxu l-arblu peress li fih *cable stad*-dawl li ġejjin minn taħt l-art. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi identifikat post biex isir fejn hemm il-pjanti fi Triq l-Imdina.

3.12.3 Konti Bernardo Manduca
Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca li qed jiġi propost li jsir mal-ħajt tal-villa, għad irridu nitolbu permess lis-sid ta' Villa Macedonia.

## 3.13 *European Week of Sports Local Councils' Initiative*

3.13.1 Ġiet innutata *email* mibgħuta minn Sport Malta.

3.13.2 Il-Kunsillier ONDG infurma li kellu stedina mill-Każin tal-PL biex issir Maratona tal-Billiard. Il-Kunsill qabel.

3.13.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex issir *Sports Day* f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina u l-Maratona tal-Billiard.

## 3.14 Magna tal-*BCRS*

3.14.1 Is-Sindku qal li spiss qed ikun hemm kummenti minn residenti peress li fil-lokalità m'hawn magna tal-*BCRS*.

3.14.2 Is-Sindku qal li meta dawn il-magni ġew introdotti fil-pajjiż, il-Kunsill kien identifika fejn il-B-I-S f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina, però dan il-post ġie rrifjutat mill-kumpanija li tinstalla dawn il-magni. Huma riedu jinstallaw magna fil-pjazza, però il-Kunsill irrifjuta.

## 3.15 *Heavy Vehicles* – Triq il-Providenza

3.15.1 Is-Sindku infurma li rċieva minn numru ta' residenti ta' Triq il-Providenza li jixtiequ li ma jgħaddux aktar *heavy vehicles* (primarjament it-trakk tal-gass) mit-triq għax spiss qed jagħmlulhom ħsarat mad-djar.

3.15.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niktbu lir-residenti kollha tat-triq biex jinfurmawna jekk jaqblux ma' dan is-suġġeriment. Min ma jibgħatx risposta sad-data stipulata se jitqies li qed jaqbel ma' din il-proposta.

## 3.16 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

3.16.1 <u>Laqgħa tal-Lokalità</u>
Is-SE infurmat li, bħala bidu ta' Leġislatura, il-Kunsill irid issejjaħ laqgħa pubblika sal-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsill unanimament approva li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru 2024 fis-6.00pm (wara l-laqgħa tal-Kunsill), fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 3.17 peress li l-Kunsillier AG dalwaqt ser ikollha tassenta ruħha mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 3.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

3.17.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/24, li tinkludi l-ammont ta' €107.33c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2024.

3.17.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 3.16 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill - Kontinwazzjoni

3.16.2 <u>Kwotazzjonijiet għall-kiri ta' trasport</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għall-kiri ta' *coaches* u *mini buses* għall-ħarġiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-offerta ta' Paramount Coaches għax għandu l-irħas rati f'kollox minn barra fir-rata tal-*coach* (filgħaxija).

3.16.3 <u>Kwotazzjonijiet għall-Provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' *Mediterranean Insurance Brokers.*

3.16.4 <u>Talba biex titneħħa bozza minn ma' faċċata minħabba kostruzzjoni – Triq il-Kannizzata</u>
Is-SE infurmat li rċivejna talba biex titneħħa bozza minn ma' faċċata minħabba li se jsir konstruzzjoni. Is-Sindku

qal li l-iżviluppatur diġà infurma li ma jridx li l-bozza terġa' teħel mal-faċċata wara li titla' l-binja jew biex teħel mal-faċċata, il-Kunsill irid iħallsu l-kera. Dwar dan iċċekkjajna mal-Avukat tal-Kunsill, fejn qalilna li l-Kunsill m'għandux dritt jimponi li terġa' teħel il-bozza lura mal-faċċata, però l-Kunsill għandu dritt jitlob li jħallas l-ispejjeż biex tiġi installata fuq arblu. Il-Kunsill qabel li nimxu fuq il-parir tal-avukat.

3.16.5 *European Week for Waste Reduction* 2024
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn WasteServ dwar il-EWWR 2024. Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.16.6.1 Talba għal dyl faċċata ta' garaxx 144, Triq San Franġisk
Resident qed jitlob biex jitneħħa l-*parking* mill-faċċata tal-garaxx tiegħu u jsir *dyl*. Qal li fil-passat kellu *dyl* u kienu tneħħew snin ilu meta saru l-*parking bays.*

3.16.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u m'approvax din it-talba għax hemm biżżejjed spazju biex jimmanuvra.

3.16.7 *Road markings* fi Triq Patri Ġużè' Delia k/m Triq San Franġisk
Il-Kunsill ltaqa' ma' resident qabel bdiet il-laqgħa fejn iddiskuta r-*road markings* ta' din iż-żona. Ġie deċiż li jsiru *MC bays* fl-ispazji vojta li tħallew minn IM meta għamlu s-sinjali wara li saret Triq San Franġisk.

**F'dan il-ħin (7.50pm) il-Kunsillier AG talbet li tiġi skużata mil-laqgħa.**

3.16.8.1 *Un/Loading Bays* f'Wied Ħal Balzan
Is-Sindku infurma li qed jidħlu ħafna ilmenti għall-ammont (5) ta' *Un/Loading Bays* li hemm fit-triq. Partikolarment, fuq l-aħħar waħda li saret quddiem ex-Pro-Kitchen għax saret quddiem residenza. Kien hemm qbil li din l-*un/loading bay* tiċkien b'mod li tiġi quddiem il-ħanut biss.

3.16.8.2 Ġie rrimarkat li Casa Fini għalaq u għalhekk m'għadx hemm bżonn ta' *un/loading bay* quddiemu. Din ser titneħħa wara li nikkonfermaw li għalaq permanenti.

3.16.9.1 Mappa tal-*Heritage Trail*
Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-mappa li hemm fi struttura tal-*aluminium* għax qed tiċċara u *aluminium gold* ma jmurx fil-pjazza. Ġie rrimarkat li probabbilment din se tiġi *replaced* ma' *screen* elettroniku u għalhekk għalissa tibqa' ftit pendenti.

3.16.9.2 Il-Viċi Sindku qal li kien hemm min issuġġerixxa li apparti l-mappa, jkun hemm spazju fejn wieħed jista' jirreklama n-negozju tiegħu. Se nġibu kwotazzjoni.

3.16.10 *Reserved Parking Bay* fi Triq Sisner
Is-SE infurmat li TM qed jinfurmaw lill-Kunsill biex titneħħa l-*Personalised Reserved Parking Bay* għax ir-residenta m'għadhiex eliġibbli għaliha. Il-Kunsill qabel li minflok issir *Communal Reserved Parking Bay* biex tintuża minn kull min għandu *Blue Badge*.

3.16.11 Ostaklu tal-passaġġi – Vjal De Paule
Residenta qed titlob li jitneħħa l-*parking* minn quddiem it-tliet (3) passaġġi li hemm fis-*central strip* ta' Vjal De Paule għax qed jiġu ostakolati mill-vetturi pparkjati. Din it-talba ma ġietx approvata.

3.16.12 *Sleeping policeman* f'Wied Ħal Balzan
Is-Sindku infurma li rċieva xi ilmenti dwar l-i*sleeping policeman* li saret fit-triq għax tagħmel ħafna storbju. Ġie rrimarkat li din qabdet u saret mingħajr mal-Kunsill ġie nfurmat. Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss biex possibbilment jinstab post alternattiv.

3.16.13 Talba għal għajnuna finanzjarja lill-iskola primarja ta' Ħal Lija, Ħal Balzan u l-Iklin
Ġiet innutata l-*email* li reġa' bagħat il-Kap tal-iskola, fejn spjega li t-talba hija biex il-Kunsill jgħin biex jinxtara imqar *AC unit* wieħed jew tnejn u mhux biex jerfgħu il-piż tal-ispiża kollha. Il-Kunsill jisħaq li tali spiża għandha tiġi ffinanzjata mill-Gvern u għalhekk ma ġietx approvata.

3.16.14 Talba għal *safety bollards* u *rubber wheel stopper*
Residenta qed tgħid li filwaqt li tifhem li *Safety Bollards* ma jistgħux jiġu installati mal-ħajt tal-proprjetà tagħha fi Triq Wiġi Ebejer, qed tistaqsi dwar jekk jistax isir xi ħaġa oħra biex tipprevjeni ħsara mill-vetturi pparkjati. Il-Kunsill huwa lest li jiddiskuti kwalunkwe proposta li jista' jkollha.

3.16.15 Talba biex issir *un/loading bay* fi Triq San Franġisk

*Balzan Pharmacy* qed jitolbu li ssir *un/loading bay* quddiem l-ispiżerija. Il-Kunsill qabel li jressaq l-applikazzjoni għall-permess ma' TM.

3.16.17 <u>Talba għal *zebra cross* fi Vjal De Paule</u>
Resident qed jerġa' jitlob li ssir *zebra cross* fejn saret ir-*roundabout* il-ġdida fi Vjal De Paule k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima. Din it-talba ma ġietx approvata.

3.16.18 <u>Talba biex jitneħħa *parking* mill-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira</u>
Residenta qed tibqa' titlob li jitneħħew l-ewwel erba' *parking bays* li hemm hekk kif iddur minn Triq Birbal. Il-Kunsill jikkonferma d-deċiżjoni li ħa fil-laqgħa li għaddiet u din it-talba ma ġietx approvata.

3.16.19 <u>Reserved Parking Bay tal-Għassa tal-Pulizija</u>
Is-Sindku infurma li qed jitolbu li apparti kaxxa safra, issir ukoll tabella għax xorta qed jipprkjawlhom. Il-Kunsill qabel li nwaħħlu tabella '*Reserved for Police*' jekk jaċċettaw li teħel mal-ħajt tal-Għassa.

## 3.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

3.18.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.10pm.

3.18.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, it-Tnejn, 23 ta' Settembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |